# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 508/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Martin Gerald Gatt**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Martin Gerald Gatt, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 330269M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fi Frar 2015, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, irrenda ruhu komplici ma' persuna jew persuni ohra fir-reati ta' frodi u approprjazzjoni

indebita, billi b'xi mod, xjtentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tar-reati, fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat u cioe' billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn hames mitt Ewro (€500), ghad-dannu tas-segwenti persuni; Yanika Cuschieri, Kurt Lanzon, Cherese Azzopardi, Jette Jensen, Marisa Chircop, Sabri Said, Zaki Nafadi, Fatima Elkafi Muvaney u Grigore Alexandru, ai termini tal-Artikoli 18, 42, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' is-somma ta' aktar minn hames mitt Ewro (€500), ghad-dannu ta' Yanika Cuschieri, Kurt Lanzon, Cherese Elkafi Mulvaney u Grigore Alexandru, ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkometta t-tali reati, filwaqt li kien ufficjal pubbliku, u cioe' membru tal-korp tal-pulizija bin-numru 473, b'hekk sar hati ta' reat/i li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx/ux jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, ai termini tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Ottubru, 2016 li biha ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-Ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali jimpunja s-sentenza appellata bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u li dan wassalha sabiex taghmel ukoll apprezzament zbaljat tal-ligi. L-appellant introduca l-aggravji tieghu billi l-ewwel ghamel analizi tal-elementi tal-ligi ravvizata fl-artikolu 308 u 309 tal-Kodici Kriminali u ghadda sabiex jelenka dawk l-istanzi fejn il-provi jirrelataw ma' dawn l-elementi;
2. Issa, ghalkemm l-appellat kien imputat ukoll bi ksur tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, li minnhom kien liberat mill-ewwel Qorti, l-appellant Avukat Generali ma ressaq l-ebda aggravju in rigward u ghalhekk qed jitqies illi l-ilment tal-Avukat Generali huwa dwar il-liberazzjoni tal-appellat dwar l-attentat tar-reat ipotizzat fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali bil-konsegwenzjali ravvizat fl-artikolu 141;
3. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa quddiem l-ewwel Qorti minn fejn jemergi illi persuni li kienu qed ifittxu fondi biex

jirrisjedu fihom taht titolu ta' kera kienu rriskontraw n-numru tal-appellat fuq sit tal-internet li fih kien qed jirreklama postijiet ghall-kiri. Stabbilit il-kuntatt bejn l-inkwilin prospettiv u l-appellat, dan tal-ahhar kien ilaqqaghhom ma' certu Annabel Camilleri Monreal li kienet tipprezenta ruhha bhala s-sid tal-fondi, li izda ma kien minnu xejn, tiehu depozitu u anke kirja bil-quddiem bil-premessa li l-fond ikun disponibbli fi ftit granet. Fejn Monreal kienet inghatat r-responsabilita' tal-kirja ta' fondi, kienet tikri l-istess fond ghal aktar minn darba, ghall-istess skadenzi, lil persuni differenti. L-inkwilini prospettivi, izda, qatt ma hadu pussess tal-fondi ghar-raguni unika li dawn ma kienux jappartjenu lill-Monreal b'din tal-ahhar tivvinta kull skuza biex tiggustifika l-agir taghha;

4. Il-Qorti rat ir-rassenja tad-deposizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem l-ewwel Qorti u ghalkemm din ma takkludix id-dettall espost minn dawn ix-xhieda, tista' tara fiha r-raguni ghaliex l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, igifieri, li l-appellat kien agixxa bhala sensar biex ressaq lill-klijenti lejn Monreal minghjar ma kellu hjiel tar-raggiri taghha. Meta l-appellat induna bil-malizjosita' ta' Monreal kien hu stess li radd lura l-*commission* lill-unika persuna li dwarha thallas taghha; li mar hu stess jirraporta lill-Pulizija li l-Ispettur Prosekutur jichad u li l-Ufficcjal tal-Ghassa jikkonferma x-xewqa tieghu li jkellem lill-Ispettur; u li spicca jalloggja lill-habiba tas-siehba tieghu f'daru stess sakemm il-kwistjoni tirrizolvi ruhha;

5. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-allegata partecipazzjoni tal-appellat f'dan ir-reat u ma tistax tifhem kif il-prosekuzzjoni tirritjeni li ghandha tinstab htija meta naqset serjament milli tressaq dawk il-provi biex turi l-intenzjoni kriminuza tal-appellat, jekk dan kien minnu. L-appellat xehed illi ma kienx hu li tella r-reklam fuq is-sit tal-internet anke jekk in-numru tat-telefon li deher fuqu huwa tieghu. Il-prosekuzzjoni setghet tal-anqas ezebiet kopja ta' dan ir-reklam u setghet marret oltre dan billi ggib il-prova tal-kif origina. L-ilmenti tal-inkwilini prospettivi dahlu fi zmien qasir u vicin ta' xulxin proprju

ghaliex dan kien jirrifletti l-operat ta' Monreal li sahansitra hasad lill-appellat li spicca vittma tal-istess Monreal li wara kollox u kif tajjeb osserva l-abbli difensur tal-appellat, qatt ma tressqet mill-prosekuzzjoni bhala xhud minkejja li l-kawzi kontra taghha kienu decizi;

6. Din il-Qorti ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-decizzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni ta' liberazzjoni;

7. Ghal dawn motivi, l-appell qed ikun michud.